# LAQGĦA TAL- LOKALITA' 2010

## Minuti tal-laqgħa tal-lokalita' 2008 li saret nhar it-Tlieta 2 ta' Frar 2010
## Fis-Sala Joe Tabone fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Nadur
## Il-Laqgħa bdiet fis-7:30 ta' filgħaxija

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-sindku, Miriam Portelli li mexxiet il-laqgħa, il-viċi sindku, Charles Said, il-kunsilliera Maria Natoli u Jonathan Buttigieg, s-Segretarju Eżekuttiv Rita Mifsud Attard u sitt persuna oħra.

Is-Sindku bdiet il-laqgħa bit-talba u tat rendikont tax-xogħol li sar matul id-disa' xhur ta' sena 2009 (April – Diċembru). Fost ix-xogħlijiet li saru kien hemm resurfacing fit-toroq Cimcem, Tramuntana u parti minn D.C. Palmeri (dawn ġew jiswew madwar €24,500); tibdil tat-tapiti fil-playing field tal-Hali minn fondi tal-UIF. Tranġar tas-soqfa tal-Gazebos f' San Blas u tal-Ħali; cement f'diversi passaġġi fil-kampanja u numru ta' xogħlijiet oħra.

Is-Sindku nformat lin-nies preżenti fil-preżent għaddej xogħol fuq bini ta' ħitan tas-sejjieħ fit-Triq ta' Daħlet Qorrot bil-ħaddiema tal-IPSL. Il-Kunsill qed jipprovdi l-makkinarju u materjal.

**Proġetti.** Il-proġett tal-Pjazza bħalissa qiegħed għand il-MEPA għall-proċess. Flimkien ma' dan il-proġett il-Kunsill ser idaħħal ir-restawr tas-Salib u x-xelter.

Il-Kunsill bħal issa qiegħed fil-proċess tat-tendering sabiex jitpoġġew pannelli fotovotaliċi fuq il-bejt.

Il-Kunsill daħal għal kompetizzjoni tal-indafa fil-lokalita u ġie it-tielet post minn Malta u Għawdex.

**Attivitajiet Kulturali u Soċjali.** Il-Kunsill żamm l-appuntamenti mal-attivitajiet marbuta mar-raħal. Dawn jinkludu: il-Karnival organizzat li sar il-Ħamis filgħaxija bħala esperiment. Kienu mistiedna Banda Germaniza. Il-Kunsill ħaseb biex jipprovdi faċilitajiet meħtiega għal-Karnival spontanju. L-Ispiża tat-tindif kienet ta' madwar €6000. Il-kunsill ta s-sehem tiegħu fl-attivitajiet tal-Imnarja. Għall-ewwel darba matul is-sena 2009 saret l-attivita tal-Mayfair – attivita mtellgħa miż-żgħażagħ fuq xejra edukattiva. Sar il-Wine Festival f'Settembru; attivitajiet ta' Jum il-Kunsill fosthom il-blood drive u sar il-Christmas Market.

**Harsa 'il Quddiem.** Għas-sena 2010 hemm pjanat li jsiru mill-fondi tal-Kunsill: Triq Dun Bernard Haber, Triq Dicembru 13, Triq Madre Gemma Camilleri u Triq

Rakela Camilleri.  Ser tkompli l-ħidma fuq il-proġett tal-pjazza. Se nidħlu fl-iskema tal-PPP (Public Private Partnership) biex nagħtu kisja bit-tarmac lit-toroq li għadhom ma sarux mill-Kunsill.  Qegħdin naħdmu fuq devoluzzjoni ta' biċċa art fi Triq Bingemma sabiex nibnu community Centre.

**Suġġerimenti.**  Iż-żgħażagħ preżenti talbu li jkun hemm aktar pubbliċita  fuq l-attivitajiet organizzati mill-Zgħażagħ.

Kien  hemm suġġerimenti li jkun hemm kampajna biex ir-residenti issebħu barra mid-djar tagħhom.

Kien hemm ilmenti dwar iż-żamma ta' l-ilma tax-xita fi Triq ta' Sajd.

Kien hemm ilmenti dwar l-istat ħażin ta' Wied Bingemma u kien hemm suġġeriment li jitħawlu aktar siġar tal-Bruk fil-bajja ta' San Blas.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:15 p.m.

**Miriam Portelli, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**